MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2008

Numru. 478/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**Godwin Mifsud**

Kumpilazzjoni Numru 478/2007

Illum, 7 ta’ Lulju, 2008,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Godwin Mifsud, iben Francis u Josephine, imwieled Rahal Gdid fid-29 ta’ Novembru, 1957 u residenti ‘Sedona Farmhouse’, Triq il-Madliena, Swieqi, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 0830857M.

Akkuzat talli fit-23 ta' April, 2007 ghall-habta tat-15.35hrs, waqt li kien fi Triq it-Torri, Mosta volontarjament ghamel hsara fuq karozza li ggib numur FBN-603, liema hsara taccedi l-Lm50 (€116.47) izda inqas minn Lm500 (€1164.7) u dan ghad-dannu ta' Joseph Cassar mis-Swieqi;

U aktar talli fl-istess, data, hin u lok, ikkaguna griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet fuq il-persuna tal-imsemmi Joseph Cassar u dan skond ma kif iccertifika t-tabib Dr. Eddie Rapa M.D. minn tas-Sliema;

U aktar talli kiser il-paci pubblika bil-glied u l-ghajjat.

U aktar talli fl-istess data, hin u lok ikkommetta serq ta' cwievet li jappartjenu lil vettura FBN603, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-vjolenza u dan ghad-dannu ta' l-imsemmi Joseph Cassar;

U aktar talli hedded u uza forza attiva fuq l-istess Joseph Cassar;

U talli qal kliem li kien jikkonsisti f' dagha u kliem oxxen.

Il-Qorti giet mitluba biex hekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta'l-imsemmi Joseph Cassar, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imputat b' obligazzjoni teighu nnifsu, taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mil-Qorti.

Rat l-artikoli 221(1), 261(a)(g), 262, 271(g), 325(1)(b), 338(bb), 338(dd) u 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi fil-gurnata in kwistjoni l-parte civile Joseph Cassar Aveta kien qieghed fil-karozza tieghu li kienet ipparkjata fi Triq it-Torri Mosta hdejn l-ufficju tal-perit Colin Zammit; hu kien qed jistenna lill-perit gej. F’xi hin, waqt li Cassar Aveta kien ghadu qed jistenna fil-karozza, gie l-imputat li ukoll ried imur ghand il-perit Zammit. Gara li l-imputat ma baqax diehel f’l-ufficju tal-perit imma mar hdejn il-vettura ta’ Cassar Aveta u hemm qamet diskussjoni bejnithom u anke gew f’l-idejn.

Illi jirrizulta li waqt dan l-argument Cassar Aveta sofra griehi ta’ natura hafifa fil-waqt li l-vettura tieghu ukoll garrbet xi hsarat. Jirrizulta ukoll li waqt l-incident l-imputat ha c-cwievet tal-karrozza ta’ Cassar Aveta.

Illi meta impjegati tal-perit Zammit, li kienu f’l-ufficju, semghu l-istorbju gej mit-triq huma niezlu jaraw x’gara u sabu lill-imputat hdejn il-vettura ta’ Cassar Aveta, jargumenta ma’l-istess. Huma tellghu lill-imputat f’l-ufficju, u wara ftit kien wiehed mill-impjegati stess li wassal lill-imputat fil-karrozza tieghu biex b’hekk l-imputat jibqa sejjer minghajr incidenti ulterjuri.

Illi meta l-pulizija eventwalment baghtet ghall-imputat fil-kors ta’l-investigazzjoni dwar il-kaz, fuq talba taghhom, huwa taghhom c-cwievet tal-karrozza ta’ Cassar Aveta.

Illi x-xhieda l-aktar importanti f’din il-kawza kienu l-parte civile, l-imputat (li ghazel li jixhed) u Manuel Cassar, wiehed mill-impjegati tal-Perit Zammit.

Illi l-Qorti mill-ewwel tirrileva li l-verzjoni ta’ fatti mghotija mill-imputat hija inverosimili partikolarment ghal dak li ghandu x’jaqsam mad-dinamika tat-taqbieda li kien hemm bejnu u Cassar Aveta; in oltre hemm fatti rakkontati minnu li gew effettivament kontradetti.

Illi l-imputat jghid li huwa mar ghand il-perit Zammit biex jigbor xi dokumenti, cempel, u wara li identifika ruhu permezz ta'l-*intercom* qaghad jistenna li jinzlu biex jifthulu. Pero Manuel Cassar qal li huwa u l-kollega tieghu niezlu fit-triq mhux ghax kien cempel il-bieb imma ghax semghu l-ghajjat u storbju u niezlu jaraw x'kien qed jigri. Jirrizulta ukoll li kien l-istess Manuel Cassar li akkompanja lill-imputat sal-karrozza tieghu meta dan gie biex jitlaq mill-ufficju; l-imputat ma telaqx wahdu kif ta' l-impressjoni fid-depozizzjoni tieghu.

Illi l-verzjoni mghotija mill-parte civile Cassar Aveta hija kunfliggenti ghal dik mghotija mill-imputat pero minkejja dan il-kunflitt l-Qorti hija tal-fehma li din l-verzjoni tista' tinghata kredibilita u tirrisspekkja kif fil-fatt realment gara l-incident u li l-incident provokah l-imputat.

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-imputat gew sodisfacjentement pruvati hlif ghas-sitt wahda u cioe dik li l-imputat qal kliem konsistenti fi kliem oxxenn u dagha ghaliex mkien mill-atti ma jirrizulta li l-imputat qal kliem ta' din in-natura.

Illi in oltre ghal dak li jirrigwarda l-hsarat kwazati fil-vettura ta' Cassar Aveta, ghalkemm l-parte civile qal li huwa kellu hsara fil-bieba ta' quddiem, fil-mudguard u fil-bieba ta' wara, mill-atti ma jirrizultax li l-imputat ta' xi daqqiet mal-bieba ta' wara jew fuq il-mudguard, ghalhekk huwa ghandu jinzamm responsabbli biss ghal hsara fil-bieba ta' quddiem. Skond x-xhieda mghotija minn Simon Caligari din tammonta ghal Lm76.70 (VAT inkluz) li huwa ekwivalenti ghal €178.66.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 221(1), 261(a)(g), 262, 271(g), 325(1)(b), 338(dd) u 339(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tas-sitt imputazzjoni u tilliberah minnha, issibu hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena u li fi zmien xahar ihallas lill-parte civile Joseph Cassar Aveta is-somma ta' mija tmienja u sebghin Euro u sitta u sittin centezmu (€178.66).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------